Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Ivan Portelli)

vs

Anthony Bonavia

Illum 19 ta’ Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Anthony Bonavia, iben Anthony Sciberras u Josephine Bonavia, imwieled fl-1 ta’ Marzu, 1953 u dententur tal-karta

tal-identita numru 249653M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

1. Talli nhar l-14 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23.00 hrs), go Mimosa Street, Pieta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor fil-periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna, billi ikkawza feriti ta' natura gravi (perdurati), fuq il-persuna ta' Antoinette Borg I.D. : 592738(M), hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Gregory Attard M.D.  Dan bi ksur tal-Artikolu 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkawza x'aktarx debbulizza fis-sahha ta' Antoinette Borg I.D. 592738(M), dan bi ksur tal-artikoli 214 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ippermetta lil ibnu Clide Bonavia ta' sittax il-sena isuq il-vettura Morris Marina numru tar-registrazzjoni CAD-967, meta dan mhux kopert b'licenzja tas-sewqan mahruga skond

il-Ligi b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar riskji ta' terzi persuni, dan bi ksur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligjiet ta' Malta;

4. oltre talli renda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 6/10/98, liema sentenza hija definittva u ma tistax tigi mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 20, 22, 23, 533, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Rat illi minkejja illi l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza sa mis-6 ta' Lulju, 2001 baqa dejjem ma jsir xejn u rat il-verbal taghha tat-8 ta' Marzu, 2002 li permezz tieghu kienet

wissiet serjament lill-Avukat difensur tal-imputat illi ma kienitx bi hsiebha tahli iktar zmien u illi jekk sas-seduta li kien imiss u cioe' dik tat-30 ta' Mejju, 2002 kien ser jibqa ma jsir xejn il-Qorti kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha.

Illi effettivament waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju, 2002 l-Avukat difensur rega' ma deherx u l-Qorti ma kellha l-ebda alternattiva wara sena ta' dewmien inutili hlief illi thalli l-kawza ghas-sentenza.

Illi ghalhekk f'din il-kawza sfortunatament l-Qorti ser ikolla toqghod biss fuq il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi fl-14 ta' Novembru tas-sena 2000 il-pulizija gew infurmati illi fi Triq Mimosa il-Pieta fil-hdax ta' bil-lejl kien hemm kollizzjoni u illi wara din il-kollizzjoni kien inqala argument shun fejn kien hemm ukoll xi glied. Il-pulizija marru fuq il-post u hemm hekk sabu lil Twanny Bonavia flimkien ma ibnu Clyde Bonavia. Kien hemm ukoll Antoinette Borg flimkien ma Rosaria Maria Stafrace. Illi minn stharrig illi

ghamlu l-pulizija, irrizulta illi wara l-kollizzjoni inqalghet glieda bejn Twanny Bonaivia u Antoinette Borg u b'konsegwenza ta' din il-glieda Antoinette Borg ittiehdet l-isptar u giet iccertifikata li kienet qed isofri minn griehi ta' natura gravi peress illi kellha ksur f'xi kustilji u kellha wkoll xi daqqiet f'rasha. Antoinette Borg kellha tnejn u sittin (62) sena meta inqala l-incident in kwistjoni. Il-pulizija tkellmu ma Anthony Bonavia illi irrilaxxja stqarrija. Illi irrizulta wkoll lill-pulizija illi kien hemm zewg xhieda okulari, certu Edmond Camilleri u certu Stephen Pace.

Illi l-imputat fuq imsemmi, Anthony Bonavia, irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn stqarr illi fl-14 ta' Novembru tas-sena 2000 ghall-habta tal-11.00p.m. kien flimkien ma ibnu Clyde Bonavia bil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni CAD 967 u kien fl-inhawi ta' Gwardamangia. Mistoqsi min kien qieghed isur il-vettura l-imputat wiegeb li ma kienx cert pero' jahseb li kien ibnu Clyde illi ghandu sittax il-sena. Anthony Bonavia stqarr illi jaf li mhux suppost li ibnu kien qieghed isuq peress li kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena, pero' kien ghazel li ma jsuqx il-vettura hu peress illi kien xurban u ghalhekk ippermetta lill-ibnu Clyde isuq il-vettura tieghu. L-imputat kompla jistqarr illi f'hin minnhom

kellu incident ma vettura ohra u z-zewg vetturi waqfu. Mill-vettura l-ohra, skond l-imputat, harget mara avvanzata fiz-zmien minn naha tal-passiggier u kellha 'torch' sewda f'idejha u, skond l-imputat, kif harget mill-vettura, giet direttament fuqu u taghtu daqqa fuq rasu b'din it-'torch'. Kien ghalhekk illi l-imputat imbuttaha u din waqghet mal-vettura taghha stess u baqghet nizla fl-art. Umbaghad qamet u bdiet tghajjat, gew il-pulizija li arrestaw lill-imputat. Mistoqsi jispjega kif din il-mara garrbet feriti wara l-incident, l-imputat baqa' isostni li huwa ma sawwathiex, hlief li imbuttaha. Halef ukoll illi huwa ma tahiex bis-sieq u dana wara li l-pulizija qalulu li kien hemm nies lesti jixhdu l-Qorti li rawh jaghti bis-sieq lil din il-mara meta din kienet mal-art. Mistoqsi jekk kienx qieghed jichad illi kien sawwat lil din l-mara l-imputat fl-istqarrija tieghu cahad illi sawwatha u qal illi kull ma kien ghamel kien illi kien imbuttaha u xejn aktar.

Illi xehed Dr Gregory Attard illi ezamina lil Antoinette Borg l-isptar. Huwa qal illi din kellha kustilja miksura fuq in-naha tax-xellug, it-tieni wahda, kellha 'fracture' zghira tal-iskull, hairline 'fracture' u kellha wkoll 'fracture' tal-ghaksa ta' saqajha tan-naha tal-lemin. Kellha qatgha zghira fuq xoffitha, hafna grif u tbengil. Kellha zewg sinniet

imcaqalqin, izda mhux maqlughin, u fuq in-naha tax-xellug ta' rasha kellha tbengila. Huwa ikklasifika dawn l-'injuries' bhala 'grievous' kemm perdurata u kif ukoll peress illi kien hemm il-'fractures' imsemmija.

Illi PS1283 Carmelo Costa illi ghamel l-investigazzjonijiet tieghu wara li sehhet il-kollizzjoni kif ukoll l-incident in kwistjoni u dana xehed illi skond Twanny Bonavia Antoinette Borg kienet aggreditu permezz ta' 'torch' u skond ibnu, Clyde Bonavia, Antoinette kienet aggrediet lill-imputat b'handbag u mhux b'torch. Meta is-Surgent kellem lil Antoinette Borg din ammettiet mas-Surgent illi xejret daqqa ta' harta lill-imputat, pero' cahdet illi taghtu xi daqqa bil-'handbag' jew inkellha bit-'torch'. Lis-Surgent irrizultalu illi minn naha ta' Antoinette Borg meta beda jaggrediha l-imputat dan kien imbuttaha kontra l-bieba ta' wara tax-xellug tal-vettura u ghamel hsara fil-vettura stmata LM178 (mija u tmienja u sebghin lira) peress illi kien faqa' l-bieba 'il gewwa.

Illi xehed Edmond Camilleri, xhud okulari illi ra l-incident awtomobilistiku jigri fl-14 ta' Novembru 2000. Dan ix-xhud qal illi huwa hareg biex jara x'kien gara u ra mara li kienet

harget minn karozza minnhom u ra guvni johrog mill-karozza l-ohra u jaf li qabdu argument bejniethom. Camilleri xehed illi l-guvni beda jimbotta lill-mara. Huwa dahal bejniethom biex jikwietahom u qala daqqa go wiccu minghand Clyde Bonavia. Ix-xhud kompla jghid illi imbotta lil Clyde biex jipprotegi ruhu u lill-mara. Pero' gie xi hadd minn wara li huwa ma jafx min kien u tah daqqa, tefghu mal-art, tajjarlu n-nuccali minn ghajnejh u hass daqqiet ta' sieq fuq wara f'dahru u f'rasu. Irnexxielu iqum u telaq jigri 'l hemm. Sussegwentement sar jaf illi dik il-mara kienet Mrs Borg illi toqghod hdejh, pero' dak il-hin huwa ma kienx jaf min kienet din il-mara.

Illi xehed il-vittma, Antoinette Borg, u qalet illi dakinhar tal-incident kienet passiggiera fil-vettura misjuqa minn ohtha. Harget karozza tigri mill-gemb habtet, mal-karozza ta' ohtha u waqfu. Nizlet ohtha biex tara x'kien gara, hija nizlet wkoll mill-karozza u marret fejn il-karozza li kienet habtet mal-karozza taghhom. Antoinette Borg kompliet tixhed illi qalet lis-sewwieq tal-vettura li ma kienux ghamlu sew kif ghamlu, saqu u dahlu jigru go fihom. Antoinette Borg xehdet illi l-vettura kienet misjuqa minn Clyde Bonavia, pero' kien l-imputat fuq imsemmi li hareg mill-karozza, taha

daqqa ta’ ponn go sniena, hargilha d-demm u hija telqet minn hdejh u marret tistrih mal-karozza ta’ ohtha. Pero’ ftit wara Anthony Bonavia rega’ mar fuqha, imbuttaha mal-karozza ta’ ohtha u bid-daqqa li taha regghet saret hsara mal-bieba tal-karozza ta’ ohtha. L-imputat tefaha mal-art u beda jaghtiha kemm jiflah bis-sieq. Nizel ragel biex jaghtiha l-ghajnuna, pero’ hija ma kienitx ma gembu meta nizel.

Illi l-Prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet “Il-Pulizija kontra Anthony Bonavia” deciza fis-6 ta’ Ottubru, 1998 u tressqet ukoll il-prova tal-identita fil-konfront tal-imputat Anthony Bonavia.

Illi Clyde Bonavia ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri peress illi l-imputat fuq imsemmi jigi missieru u l-Qorti fil-fatt ezentatu milli jixhed.

Illi xehdet Rosaria Maria Stafrace, oht il-vittma illi kienet qeghda isuq il-vettura taghha meta gara l-incident in kwistjoni. Hija xehdet illi hija u ohtha Antoinette Borg nizlu mill-vettura biex jaraw x’kien gara. L-imputat kien riekeb ma ibnu fil-karozza, hareg mill-karozza u f’daqqa wahda

wara li ohtha Antoinette Borg kienet inkurlat mieghu minhabba l-mod kif kien qed isuq il-vettura ibnu l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Antoinette Borg u qalilha, " Intom ghoddkom qtiltuna". Taha daqqa ta' ponn go wiccha, taha daqqa ohra, qabadha minn spalleja, tefaghha mal-bieba tal-karozza u saret hsara fil-bieba tal-vettura meta huwa tefaghha mal-bieba b'dan il-mod. Stafrace kompliet tixhed illi l-imputat rega' qabad lill-ohtha, xehitha mal-art u beda jaghtiha bis-sieq u dana kollu gara fil-prezenza taghha. F'hin minnhom gie ragel biex jipprova jofroqhom, pero' l-imputat u ibnu bdew isawwtu lil dan ir-ragel. Hija xehdet illi Clyde Bonavia ma sawwatx lil ohtha, hija bdiet tghajjat u twerzaq ghall-ghajjut u f'hin minnhom dak ir-ragel illi gie imsawwat mill-imputat u minn ibnu qam mill-art u telaq. L-imputat rega' mar isawwat lil ohtha u hija ippruvat icempel lill-pulizija. F'hin minnhom giet l-ambulanza u imblukkat it-triq, gew il-pulizija u l-incident waqaf hemm hekk.

Illi xehed ukoll Stephen Pace, xhud okulari. Huwa qal illi fil-hin li gara l-incident in kwistjoni huwa kien sejjer lura lejn id-dar, kien ghaddej mit-triq ta' quddiem l-isptar u ra incident bejn zewg karozzi u ra zewg irgiel, wiehed iktar avvanzat minn l-iehor, li hargu minn karozza u bdew isawwtu mara li

kienet harget mill-vettura l-ohra. Ra wkoll ragel illi mar jaqbez ghal dik il-mara li kienet qeghda tisawwat u r-ragel l-iehor illi kien izghar fl-eta mar jigri wara dan ir-ragel. Ix-xhud Pace gharaf lill-imputat fuq imsemmi bhala r-ragel li beda isawwat lill-mara li kienet fil-vettura l-ohra u li irrefera ghaliha fix-xhieda tieghu. Ix-xhud qal illi fl-ebda mument ma hareg mill-vettura tieghu. Huwa baqa wieqaf fil-karozza jara kullma kien gara u meta gew il-pulizija qalilhom b'kollox illi kien ra. Ix-xhud qal ukoll illi huwa beza jintervejni peress illi ra lill-imputat isawwat lil dik il-mara li kienet mal-art u x'hin ippruvat tqum beda jaghtiha bis-sieq u beda jibza illi jekk jintervjeni jaqla xebgha hu wkoll.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tielet akkuza u cioe' dik illi l-imputat fid-data, lok u hin u cirkostanzi kif dedotti fl-imputazzjoni ippermetta lil ibnu Clyde Bonavia ta' sittax il-sena isuq il-vettura Morris Marina numru tar-registrazzjoni CAD-967, meta dan mhux kopert b'licenzja tas-sewqan mahruga skond il-Ligi u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar riskji ta' terzi persuni l-Qorti wara illi rat l-istqarrija tal-imputat fejn huwa stess ammetta illi ippermetta

lill-ibnu isuq il-vettura tieghu peress illi huwa kien xurban u iddikjara wkoll fl-istess stqarrija tieghu illi ibnu Clyde Bonavia dak iz-zmien kellu 16 il-sena, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 3(1), 3(2), u 2(a) tal-Kap. 104, kif ukoll l-Artikolu 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' din it-tielet akkuza u filwaqt li tikkundannah ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira (LM250) tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum.

Illi dwar ir-raba' akkuza dik illi l-imputat irrenda ruhu recediv bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 6 ta' Ottubru, 1998, liema sentenza hija definittiva u dan bi ksur tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 il-Qorti rat illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi l-imputat huwa recediv, wara illi l-Qort rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 peress illi, kif diga intqal il-Prosekuzzjoni esebiet din is-sentenza, kif ukoll resqet il-prova tal-identita fir-rigward ta' din is-sentenza.

Illi jibqa ghalhekk l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet cioe' dik illi l-imputat fil-jum, lok u cirkostanzi kif deskritti fl-imputazzjoni minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor fil-periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew

fis-sahha ta' Antoinette Borg, billi ikkawza feriti ta' natura gravi (perdurati) kif gie iccertifikat minn Dr. Gregory Attard u it-tieni imputazzjoni dik illi l-imputat fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' Antoinette Borg f'periklu car, ikkawza x'aktarx debbulizza f'sahhitha bi ksur tal-Ligi ta' Malta. Il-Qorti ikkunsidrat illi f'dan il-kaz jezistu zewg verzjonijiet differenti u cioe' dik illi ta l-imputat u dik illi tat Antoinette Borg, ohtha, kif ukoll iz-zewg xhieda okulari imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

Ikkunsidrat :

Illi ma hi verosimili xejn il-verzjoni illi ta l-imputat illi Antoinette Borg qabdet u harget mill-vettura taghha u taghtu daqqa ta' 'torch' f'rasu u li huwa kull ma ghamel kien li imbuttaha u b'konsegwenza ta' din l-imbottatura Antoinette Borg sofriet diversi ksur u 'fractures' f'gisimha, inkluz f'rasha u fil-kustilji u f'saqajha u tbengiliet kif deskritti mix-xhieda illi ta Dr Gregory Attard u kif ukoll gie certifikat mit-tobba illi ezaminaw lil Antoinette Borg l-isptar San Luqa.

Illi apparti minn dan kollu wiehed irid iqis il-fatt illi Antoinette Borg kienet bniedma anzjana meta sehh l-incident in kwistjoni. Fil-fatt hija kellha 62 sena u effettivament li kieku dan ir-reat gie kommess wara li dahlu in vigore l-amendi ricenti ghall-Kodici Kriminali dan ir-reat kien ikun aggravat peress illi l-vittma ghalqet l-eta ta' 60 sena. Pero' il-ligi in vigore meta gew kommessi r-reati in kwistjoni kienet tghid illi dan l-aggravju japplika jekk il-vittma ikollha 'il fuq minn 65 sena u allura dan l-aggravju mhuwiex applikabbli. Kif diga intqal ghalhekk il-vittma kellha l-eta ta' 62 sena u mhuwiex verosimili illi mara ta' dik l-eta tmur issawwat ragel li kien flimkien ma ibnu u lanqas mhu verosimili x-xhieda tal-imputat illi qal illi kull ma ghamel kien li imbuttaha.

Illi fil-fatt ghandha zewg xhieda okulari illi t-tnejn li huma qalu illi raw lill-imputat isawwat lil Antoinette Borg, jaghtiha daqiet ta' ponn u isawwatha f'rasha u wiccha u li meta din waqghet mal-art huwa kompla jaghtiha daqqiet ta' sieq kull meta ippruvat terga tqum mill-art u rega' mar fuqha, qabadha minn spallejha, imbuttaha fuq il-karozza ta' ohtha bis-sahha.

Illi wiehed minn dawn ix-xhieda okulari mar jintervjeni peress illi ra lill-imputat isawwat lil Antoinette Borg, gie xi hadd minn warajh, qabad jaghtih u isawwtu pero' irnexxielu b'xi mod jahrablu.

Illi dan kollu jirrizulta mix-xiehda kif imsemmi aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi l-verzjoni tal-imputat mhijiex wahda veritiera u illi jirrizulta illi l-imputat ikkawza feriti ta' natura gravi perdurata fuq il-persuna ta' Antoinette Borg u dana bi ksur tal-Artikoli  214 u 216 (1)(d) tal-Kap. 9. Ghalhekk l-imputat qieghed jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti pero' qeghda tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni u cioe' dik illi ikkawza x'aktarx debbulizza fis-sahha ta' Antoinette Borg bi ksur tal-Artikoli 214 u 218 tal-Kap. 9 u dana peress illi ma giex ippruvat mill-Prosekuzzjoni illi Antoinette Borg fil-fatt qeghda tbaghti minn debbulizza permanenti f'sahhitha, jew fil-funzjoni ta' xi parti ta' gisimha, jew illi inkella ghandha xi difett permanenti f'parti tal-ghamla ta' gisimha, jew marda permanenti fil-

mohh, jew inkella illi ghandha sfregju gravi u permanenti f'wiccha, fl-ghonq jew f'wahda minn idejha u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi ghalhekk in rikapitilazzjoni l-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** tal-**ewwel**, it-**tielet** u ir-**raba'** imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 214, 216 (1)(b) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 31, 32 u 2(a) tal-Kap 104, l-Artikolu 18 tal-Kap. 65, l-Artikoli 49, 50 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju 2001. Il-Qorti **tillibera** lill-imputat mit-**tieni** imputazzjoni li ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali preokkupanti ferm. Fil-fatt jirrizulta illi minkejja l-fatt illi gie moghti diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu huwa ma hatafx dawn l-opportunitajiet u illum gie misjub hati ta' delitt kundanabbli ferm, dak illi sawwat mara ta' 62 sena u ikkaggunalha offizi ta' natura gravi perdurata. Gie ippruvat ukoll illi l-imputat huwa recediv.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax illi huwa l-kaz illi turi xi hniena mal-imputat u hija konvinta li l-unika triq li ghandha hija illi tikkundanna lill-imputat ghall-prigunerija ta' tlett snin illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

Il-Qorti tikkundanna wkoll lill-imputat fuq imsemmi ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira (LM250) u tiskwalifikah milli jzomm kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar li jibdew jiddekorru minn mtea iservi l-piena ta' prigunerija.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur